# L-ISTORJA TAN-NIĊĊA

Kull min hu minn S. Pawl il-Baħar u jħobb il-Parroċċa, jieħu gost ikun jaf x'ġara fl-imgħoddi biex tissebbaħ il-Knisja Parrokkjali. Dan li sa nirrakkonta hu aktarx dwar in-niċċa tal-vara tad-Duluri, u ta' dak li għandu x'jaqsam magħha.

Mela qabel ma ġiet imkabbra l-Knisja Parrokkjali, in-niċċa tad-Duluri kienet qrib il-bieb tal-ġenb fejn illum hemm in-niċċa ċkejkna tal-Madonna ta' Fatima. In-niċċa kienet ta' l-injam kemm toqgħod l-istatwa. Il-pedistal, il-bradella u l-bankun kienu jiżżarmaw u jitqiegħdu f'xi kmamar. Tistgħu taħsbu kemm xogħol ta' strapazz kien ikun meħtieġ ta' kull darba li kienet toħroġ id-Duluri!

Meta l-Knisja ġiet imkabbra, din in-niċċa bl-istatwa ġo fiha kienet tqiegħdet f'post xieraq fejn illum hemm il-Fonti tal-Magħmudija. Għax dan il-Fonti qabel kien, sa mill-bidu tal-parroċċa, ħdejn il-bieb il-kbir tal-Knisja. Sal-Konċilju Vatikan II, is-Sagrament tal-Magħmudija kien jiġi amministrat hemm isfel u mhux bħal-lum qrib l-artal.

Intant kien ilu jinħass il-bżonn li l-istatwa titulari jkollha niċċa li tixirqilha, l-aktar meta kien hemm il-ħsieb li l-pedistall jiġi ndurat mill-ġdid u jsiru bradella u bankun ġodda li jixirqu. Għax inkella tarma u żżarma ħsara biss tista' ssir!

Kien hemm diversi proġetti ta' fejn setgħet tiġi din in-niċċa, imma fl-aħħar il-Perit, is-Sur Naudi, dak stess li kien għamel il-pjanta tat-tkabbir tal-Knisja, aċċetta l-proposta tal-Komunita' biex in-niċċa għall-vara tad-Duluri, u oħra pariġġa għal S. Pawl, isiru n-naħa ta' fuq tal-korsija fejn kien għad hemm il-gwarniċi tal-ġebel u li fihom kien hemm il-kwadri ta' Cali' qabel ma tkabbret il-Knisja. Wara, mbagħad, dawn il-kwadri li juru, wieħed il-Preżentazzjoni ta' Ġesu' fit-Tempju, u l-ieħor id-Difna ta' Ġesu', tqiegħdu fil-kappelluni fil-post imħejji għalihom.

Għax-xogħol ta' dawn iż-żewġ niċeċ, li ma kienx jidher ħafif, tqabbad l-imgħallem Salvu Xuereb, dak stess li kien ħadem b'sengħa fit-tkabbir tal-knisja, bena il-kampnar, għamel l-unvjar tal-knisja kollha, kemm tal-parti l-ġdida kif ukoll tal-parti l-qadima, u kien irrestawra wkoll il-faċċata tal-Knisja.

L-ewwel ma saret kienet in-niċċa għall-vara tad-Duluri fuq in-naħa tal-lemin meta tħares lejn l-artal; xogħol li kien inbeda għall aħħar ta' Lulju 1981 u tlesta b'suċċess f'Ottubru ta' l-istess sena. Pariġġa, in-naħa al-oħra, saret in-niċċa għal S. Pawl. Ix-xogħol tagħha tlesta f'Lulju tal-1982.

Il-ħolma li xi darba l-vara tad-Duluri jkollha bradella u bankun li jixirqulha, wara li kienu saru xi disinji u ftehim għax-xogħol tagħhom, saret realta'! Dawn ġew maħdumin, b'sengħa kbira, mis-Sur Carmel Mangion tal-Hamrun u żżanżnu għall-Festa tal-1985. L-iskultura bdiet tinħadem mis-Sur Salvu Bugeja ta' tas-Sliema

Sliema, u l-panewijiet ta' madwar il-bankun ġew ordnati Għawdex għand is-Sur Joseph Sagona. Dawn juru: Marija inkurunata Sultana (quddiem); Marija tħares il-Parroċċa (wara); Marija tippreżenta 'l Ġesu' fit-Tempju (xellug); Marija fuq il-Kalvarju taħt is-salib (lemin). Il-bradella u l-bankun kienu lesti minn kollox għall-festa tal-1987. Issa kien jonqos biss il- "frames" li jgħalqu ż-żewġ niċeċ, minn quddiem u minn wara, u dawn ġew maħdumin mis-Sur Oscar Schembri ta' Ħal-Tarxien. Kienu lesti f'dik l-istess sena 1987.

Meta l-vara tad-Duluri sabet ruħha fin-niċċa l-ġdida, in-niċċa li kellha, ta' l-injam, tneħħiet mill-knisja u tqiegħdet fil-kamra ta' wara S. Pawl bill-Madonna ċ-ċkejkna tar-Rużarju ġo fiha. Din baqgħet hemm, sakemm ftit taż-żmein ilu tneħħiet u ttellgħet fil-kunvent il-qadim, fejn 'il quddiem mistenni li jsir mużew ta' ħwejjeġ antiki li għandha l-knisja tagħna. Hekk kif tneħħiet dik in-niċċa, l-imgħallem Salvu Xuereb lesta bħal pedistall tal-irħam u fuqu tqiegħed il-Fonti tal-Magħmudija fejn għadu sal-lum. Fejn kien il-Fonti tlestiet niċċa biex fiha tqiegħed San Franġisk u hekk ġiet pariġġ dik ta' Sant'Antnin. Kollox kien lest għall-aħħar ta' Novembru 1982.

Hekk tispiċċa l-istorja tan-niċċa l-ġdida tal-vara tad-Duluri u ta' dak kollu li kellu x'jaqsam magħha. Tifħir imur lil kull min ta sehmu biex isiru dawn l-opri li jżejnu l-Knisja Parrokkjali tagħna.

***P. Duminik Bonello Ofm Conv.***

---

## RINGRAZZJAMENT

Il-familja Spiteri tirringrazzja lil Alla tal-grazzja li qalet bl-interċessjoni tal-Beatu Padre Piju tal-Pjagi.

## TALBA

Alla li tista' kollox,
lill-Beatu Piju minn Pietrelcina,
bħala qassis ta' dmiru,
tajtu l-grazzja li jissieħeb fit-Tbatija t'Ibnek Mislub
u jkun jixbħu minn ġewwa u minn barra:
bl-għajnuna tat-talb tiegħu
agħmel li nkunu nixbħu lil Kristu
fil-mewt tiegħu
ħalli niksbu s-sebħ tal-qawmien mill-mewt.
Dan nitolbuhulek bi Kristu Sidna.
Amen.